StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta

## IT-TIELET SENA L-ISTORJA (ĠENERALI) IL-ĦIN: SIEGĦA U NOFS

**L-Isem:** ______________________________ **Il-Klassi:** ______________

**1. Wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin.**

1.1 Liema **seba' (7)** oġġetti minn dawn kienu jeżistu fiż-żmien meta l-Kavallieri ta' San Ġwann kienu f'Malta bejn l-1530 u l-1798? Agħmel ċirku madwarhom.












(7 x 1 = 7 marki)

1.2 Agħmel sing taħt il-kelma li ma taqbilx mal-oħrajn. Żomm f'moħħok żmien il-Kavallieri f'Malta?

(a) Bliet fortifikati: *Vittoriosa, Senglea, Floriana, Santa Luċija, Bormla, Valletta.*
(b) Fortizzi: *Sant'Anġlu, San Ġwann, Sant'Iermu, San Mikiel, Rikażli, Tigné.*
(c) Bereġ: *Franza, Italja, Aragona, Russja, Kastilja, Provenza.*
(d) Tipi ta' fortifikazzjonijiet: *barriera, foss, fortizza, swar, bastjun, torri.*
(e) Tipi ta' xogħlijiet: *baħri, mekkanik, furnar, kursar, bidwi, pittur.*
(f) Tipi ta' trasport: *karettun, żiemel, dgħajsa, kaless, galera, trakk.*
(g) Oġġetti domestiċi: *purtiera, moħriet, ktieb, radju, xkupa, żarbun.*

(7 x 1 = 7 marki)

**(Total: 14-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. **Ħares sewwa lejn il-mappa u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**




Qabbel il-fortifikazzjoni ta' żmien il-Kavallieri man-numri li hemm fuq il-mappa.

| | | |
|---|---|---|
| 2.1 | It-Torri ta' San Luċjan f'Marsaxlokk | |
| 2.2 | It-Torri ta' San Tumas f'Wied il-Għajn | |
| 2.3 | Il-Forti tar-Rikażli fil-Kalkara | |
| 2.4 | It-Torri l-Aħmar fl-Aħrax tal-Mellieħa | |
| 2.5 | It-Torri ta' Wignacourt f'San Pawl il-Baħar | |
| 2.6 | Il-Forti ta' Sant'Iermu fid-daħla tal-portijiet | |
| 2.7 | Il-Forti Chambray fl-Imġarr | |
| 2.8 | It-Torri ta' Santa Marija f'Kemmuna | |

(8 x 1 = 8 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2.9 Għaliex il-Kavallieri bnew torrijiet u fortizzi qrib ix-xtut tal-Gżejjer Maltin?

______________________________________________________________

2.10 Min kien iħares it-torrijiet tal-għassa ta' madwar ix-xtut?

______________________________________________________________ (1)

2.11 X'armi kienu użaw biex jiddefendu ruħhom f'każ li l-għadu jinżel l-art? Semmi **tnejn**.

______________________________ ______________________________ (2)

2.12 Liema **tnejn** minn dawn kienu l-akbar għedewwa tal-Maltin u tal-Kavallieri?

(*l-Għarab, il-Barbari, it-Torok, il-Kruċjati, il-furbani, ir-Rumani*) (2)

2.13 Semmi **żewġ** swar ta' difiża li nbnew biex iħarsu t-Tlett Ibliet.

______________________________ ______________________________ (2)

2.14 Semmi **żewġ** fortikazzjonijiet **ewlenin** li kienu jeżistu f'Għawdex fi żmien il-Kavallieri.

______________________________ ______________________________ (2)

**(Total: 18-il marka)**

**3. Imla' l-vojt bl-isem ta' dawn il-persunaġġi li għamlu isem f'Malta fi żmien il-Kavallieri.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Hompesch** | **Laparelli** | **Caravaggio** | **l-Inkwiżitur** |
| **Mattia Preti** | **Pinto** | **Orazju Nelson** | **Napuljun** |

3.1 L-imħallef fil-Qorti tal-Knisja f'Malta. ________________

3.2 Il-perit li għamel il-pjanta tal-Belt Valletta. ________________

3.3 Il-Gran Mastru li ħalla ħafna dejn wara mewtu. ________________

3.4 Il-pittur li pitter il-kwadru tal-*Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann.* ________________

3.5 Il-pittur li ddisinja l-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. ________________

3.6 Il-Ġeneral Franċiż li keċċa lill-Kavallieri minn Malta. ________________

3.7 L-Ammirall Ingliż li għen lill-Maltin kontra l-Franċiżi. ________________

3.8 L-aħħar Gran Mastru tal-Kavallieri f'Malta. ________________

**(Total: 8 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**4. Ħares lejn dawn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet dwar il-wirt mibni ta' żi[...] Kavallieri.**

StudentBounty.com



4.1 Ikteb dwar l-importanza tas-*Sacra Infermeria* fi żmien il-Kavallieri u l-użu ta' dan il-bini llum. (4)

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________



4.2 Għaliex il-Kon-Katidral ta' San Ġwann kienet u għadha l-aktar knisja importanti fil-Belt Valletta fi żmien il-Kavallieri u llum? (4)

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________



4.3 Ikteb dwar l-użu tal-Palazz fil-Belt Valletta fi żmien il-Kavallieri u llum il-ġurnata. (4)

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

**(Total: 12-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**5. Ħares sewwa lejn Sors A u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**



**Sors A**

5.1 Għid x'qed tara f'Sors A. ____________________ (1)

5.2.1 X'kienet tissejjaħ il-persuna li tidher bil-frosta f'idha (magħluqa fil-kaxxa)?
(*ammirall, arkużin, balliju, kaptan*) (1)

5.2.2 X'kien ix-xogħol tiegħu fuq ix-xini?
____________________ (1)

5.3.1 Ix-xena fis-sors turi bastiment tat-**Torok** jew tal-**Kavallieri**? ____________________ (1)

5.3.2 Minn xiex indunajt b'dan? ____________________ (1)

5.4.1 X'qed jagħmlu l-ilsiera fuq ix-xini? ____________________ (1)

5.4.2 Għaliex qed jagħmlu dan? ____________________ (1)

5.5.1 X'taħseb li kienu l-ilsiera fuq ix-xini - **Insara** jew **Misilmin**? ____________________ (1)

5.5.2 Kif setgħu jinħelsu dawn l-ilsiera?
____________________ (1)

5.6 X'tip ta' bastiment jidher imdawwar b'ċirku fis-sors?
(*vapur, galera, jott, dgħajsa*). (1)

5.7 Għaliex l-Ordni ta' San Ġwann kienet iżżomm bastimenti bħal dak li jidher fiċ-ċirku?
____________________ (1)

5.8 Fejn kienu jinżammu f'Malta l-bastimenti li kellha l-Ordni?
____________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5.9 X'kien il-*Corso*?

(a) *liġi kontra l-piraterija* (b) *liċenzja tal-kaċċa* (ċ) *serq minn fuq il-baħar*

5.10 X'sehem kellhom il-Maltin fil-*Corso*?

______________________________ (1)

**(Total: 14-il marka)**

**6. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**







6.1 Liema sors juri xena f'belt u liema sors juri xena fil-kampanja Maltija fi żmien il-Kavallieri?

______________________________

______________________________ (1)

6.2 X'differenzi tinnota bejn iż-żewġ sorsi. Semmi **tnejn.**

______________________________

______________________________ (2)

6.3 X'tip ta' xogħol taħseb li jagħmlu n-nies f'Sors B? ______________ (1)

6.4 X'tip ta' xogħol taħseb li qed jagħmlu n-nies f'Sors C?

______________________________ (1)

6.5 Ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn **ħames sentenzi** biex tiddeskrivi t-tip ta' ħajja u l-ambjent li wieħed kien isib f'raħal fil-kampanja. (5)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**(Total: 10 marki)**

**7. Aqra sewwa dan is-sors u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**

‘L-abitanti ta’ Malta, fqar, qalbiena u leali, kienu spiss fil-punt li jċedu għall-**Franċiżi** minħabba l-ġuħ u l-miżerja. Kienu miżmuma milli jagħmlu hekk għax irċervew għajnuna kbira mill-**Kaptan Ball**...is-somom ta’ flus u l-proviżjoni li **Lord Nelson** bagħtilhom ftit ftit b’ostakli kbar min-naħa ta’ dan il-**Gvern**.’

**Sors D.** Parti mill-ittra ta’ Sir William Hamilton, Ambaxxatur Ingliż fi Sqallija, lil Lord Grenville, Palermu, 6 ta’ Diċembru 1799.

7.1 Sors D huwa (*primarju / sekondarju*) għax ______________________________

______________________________ (2)

7.2 X’kien qed iseħħ f’Malta f’dak iż-żmien? ______________________________

______________________________ (2)

7.3 Min kienu l-Franċiżi li jissemmew fl-ewwel linja fis-silta? Kif kienu ġew Malta?

______________________________

______________________________ (2)

7.4 Min kienu l-Kaptan Ball u Lord Nelson li jissemmew fis-silta?

______________________________

______________________________ (2)

7.5 Minn dan is-sors spjega xi jfissru dawn il-kliem:

(a) abitanti: ______________________________

(b) proviżjoni: ______________________________

(c) Ambaxxatur: ______________________________ (3)

7.6 Xi żvilupp kien hemm fil-ġrajja deskritta fis-sors sa Settembru 1800?

______________________________ (1)

**(Total: 12-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**8. Agħżel WAĦDA minn dawn it-temi u ikteb mhux inqas minn SITT sen[tenzi] dwarha.**

8.1 Il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann
8.2 Il-bini li l-Kavallieri bnew għall-użu tagħhom fil-Belt Valletta
8.3 Il-bini tal-Akwidott ta' Wignacourt
8.4 Ir-restawr tal-Imdina mill-Gran Mastru Vilhena

**(Total: 12-il marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers